**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC), huwa annullat, sa fejn jikkonċerna lil Koda.*

(2) *L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni C(2008) 3435 finali huwa annullat, inkwantu jirreferi għall-Artikolu 3 tagħha, sa fejn jikkonċerna lil Koda.*

(3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(4) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati, minn naħa, l-ispejjeż tagħha u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti, bl-eċċezzjoni ta' dawk marbuta mal-intervent.*

(5) *L-International Federation of the Phonographic Industry (IFPI) għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Koda u marbuta mal-intervent.*

(6) *Koda u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

---

[1] ĠU C 327, 20.12.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' April 2013 — STEF vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-428/08)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Drittijiet tal-awtur dwar l-eżekuzzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet mużikali bl-internet, bis-satellita u bit-trażmissjoni mill-ġdid bil-cable — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tqassim tas-suq ġeografiku — Ftehim bilaterali bejn is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni nazzjonali — Prattika miftiehma li teskludi l-possibbiltà li jingħataw liċenzji multiterritorjali u multirepertorjali — Prova — Preżunzjoni ta' innoċenza")***

(2013/C 156/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Samband tónskálda og eigenda flutningsréttar (STEF) (Reykjavík, l-Islanda) (rappreżentant: H. Melkorka Óttarsdóttir, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u J. Bourke, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC).

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC), huwa annullat, sa fejn jikkonċerna lil Samband tónskálda og eigenda flutningsréttar (STEF).*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 313, 06.12.2008.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' April 2013 — AKM vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-432/08)** [1]

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Drittijiet tal-awtur dwar l-eżekuzzjoni pubblika ta' xogħlijiet mużikali bl-internet, bis-satellita u bit-trażmissjoni mill-ġdid bil-cable — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tqassim tas-suq ġeografiku — Ftehim bilaterali bejn is-soċjetajiet għall-amministrazzjoni kollettiva nazzjonali — Prattika miftiehma li teskludi l-possibbiltà li jingħataw liċenzji multiterritorjali u multirepertorjali — Prova — Preżunzjoni ta' innoċenza")***

(2013/C 156/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Staatlich genehmigte Gesellschaft der Autoren, Komponisten und Musikverleger reg. Gen. mbH (AKM) (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: H. Wollmann u F. Urlesberger, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, A. Antoniadis u O. Weber, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentanti: G. Hesse, C. Pesendorfer, E. Riedl, M. Fruhmann u A. Posch, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC).

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 — CISAC) huwa annullat, għal dak li jikkonċerna Staatlich genehmigte Gesellschaft der Autoren, Komponisten und Musikverleger reg. Gen. mbH (AKM).*